**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 414/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Rosita Zammit**

**Illum, 13 ta' Settembru,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Rosita Zammit** detenur tal-karta tal-identita Maltija **317769M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn Jannar tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u Mejju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a. Iffalsifikajt ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

b. U aktar talli xjentement għamilt użu minn waħda mill-karti msemmijin;

c. U aktar talli għamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqt pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

d. U aktar talli xjentement għamilt użu minn att, kitba jew skrittura falza;

e. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innfisek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz;

f. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qliegħ ta' aktar minn ħamest elef ewro (EUR 5,000) bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita' u / jew entitajiet oħra;

g. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita' u / jew entitajiet oħra, għamilt qliegħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (EUR 5,000);

h. U aktar talli kellek fil-pussess ta' jew kellek taħt il-kontroll tiegħek xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-28 ta' Mejju,2024, fuq ammissjoni sabet lill-imputata, illum appellanta, ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontriha u kkundannatha għall-piena ta' priġunerija ta' tlett (3) snin li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal żmien erba' (4) snin mid-data tas-sentenza.

Dik il-Qorti spjegat l-import u l-obbligi naxxenti minn dik is-sentenza lill-ħatja.

Dik il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodiċi Kriminali ordnat lill-ħatja tħallas fi żmien sena waħda mid-data tas-sentenza s-somma ta' sitt elef disa' mija tnejn u sebgħin ewro u tlett ċenteżmi (EUR 6,972.03) lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fiż-żmien massimu skont il-liġi, liema ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Rosita Zammit, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Gunju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellate u dana billi;

- **TANNULLA** s-sentenza appellata mogħtija mill-Ewwel Qorti u fin-nuqqas;
- **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** l-ħtija tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta;
- **TĦASSARHA U TIRREVOKAHA** in kwantu għall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. Illi l-Ewwel Qorti fid-decide wara li sabet lill-imputata ħatja fuq ammissjoni tagħha stess, ikkundannata għall-piena ta' priġunerija ta' tlett (3) snin li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew sospiżi għall-perjodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' dik is-sentenza;

2. Illi l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

a. *"Bla ħsara għas-subartikoli (2) sa (7) u l-artikoli 28B sa 28I,* ***qorti li tagħti sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn għal reat tista' tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perijodu li jiġi speċifikat fl-ordni, li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' iżjed minn erba' snin mid-data tal-ordni,***[1] *il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ; u f'dan l-artikolu u kull fejn tinstab fl-artikoli 28B sa 28G u fl-artikolu 28I "il-perijodu operattiv", dwar sentenza sospiża, tfisser dak il-perijodu hekk speċifikat."*

3. Illi minn qari ta' dan l-artikolu jista' jingħad li sabiex qorti tordna li sentenza ta' priġunerija għandha tkun waħda sospiża fl-ewwel lok is-sentenza ta' priġunerija nfisha m'għandhiex teċċedi s-sentejn (2) priġunerija filwaqt li fit-tieni lok il-perjodu operattiv ma jkunx anqas minn sena u mhux aktar minn erba' (4) snin;

4. Illi għalhekk a bażi tal-Artikolu 28A(1) joħroġ ampjament ċar li l-Ewwel Qorti ħarġet barra mill-parametri tal-istess artikolu u dan għaliex il-piena mogħtija minnha kienet ta' tlett (3) snin priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għall-perjodu t'erba' (4) snin mid-data tas-sentenza;

5. Illi jingħad li l-imputata, hawnhekk appellanta, fl-ewwel seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023)[2], wara li sarilha l-eżami, wieġbet li kienet ħatja tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha. Barra minn hekk, il-fedina penali tal-istess imputata[3] hija waħda netta u għalhekk hija qatt ma xellfet difrejha mal-ġustizzja qabel dan l-akkadut;

6. Illi in oltre l-fatt li l-appellanta wieġbet li kienet ħatja għall-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha fi stadju tant bikri juri li hija rrealizzat mill-iżball minnha kommess, tant hu hekk li aktar tard matul dawn l-istess proċeduri, sewwa sew waqt is-seduta ta' nhar is-sitta (16) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin

---

[1] Enfasi u sottolinear tal-esponenti.
[2] Ara a fol 7 tal-proċess 414/2023.
[3] Ara a fol 4 tal-proċess 414/2023.

(2024) ix-xhud George Cremona[4] in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ppreżenta l-iskrittura li ġiet immarkata bħala Dok GC1 kif iffirmata bejn l-imputata u d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali[5];

7. Illi f'dik l-istess seduta ix-xhud George Cremona jikkonferma wkoll li l-imputata kienet diġa ħallset parti sostanzjali mill-ammont li kellha tirrifondi lura fejn sa dakinhar kien fl-ammont t'elfejn ħames mija u ħamsin ewro (EUR 2,550);

8. Illi tenut ta' dan kollhu jingħad li l-imputata mhux talli ddispjaċiha ta' dak li għamlet, tant illi bdiet trodd lura l-ħlas żejjed li kienet irċeviet. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollhu jingħad li l-imputata żgur li kienet timmerita sentenza sospiża;

9. Illi li l-intenzjoni li s-sentenza kellha tkun waħda sospiża toħroġ ukoll fit-trattazzjoni li saret nhar id-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) fejn kemm il-prosekuzzjoni u anke d-difiża qablu f'dan ir-rigward;

10. Illi qiegħda ssir referenza għal a fol 24 tal-proċess fejn il-prosekuzzjoni mmexxija mill-Ispettur Wayne Rodney Borg qalet li tenut kont tal-fatti tal-każ, ma kienx hemm insistenza għal ħabs effettiv iżda li kien qiegħed jiġi suġġerit li tingħata sentenza sospiża, u ċioe allura a bażi tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt kien intqal dan li ġej nhar id-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) quddiem l-Ewwel Qorti:

    a. *Spettur Wayne Rodney Borg: Em bażikament f'din il-kawża peress li kien hemm qbil diġa' mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali aħna mhux qed ninsistu fuq piena ta' ħabs effetttiv.*

    b. *Maġistrat: X'qegħdin tissuġġerixxu?*

    c. *Spettur Wayne Rodney Borg: emm jekk mhux sejjer żball dejjem sentenza sospiża.*

    d. *Maġistrat: U fl-ammont ta?*

[4] Ara a fol 14 tal-proċess 414/2023.
[5] Ara a fol 17-18 tal-proċess 414/2023.

e. *Spettur Wayne Rodney Borg: Inħallu f'idejn il-Qorti Sinjura fir-rigward tat-terminu.*

11. Illi f'a fol 25 naraw kif anke d-difiża qablet mal-prosekuzzjoni, tant li l-Ewwel Qorti staqsiet jekk kienx hemm qbil fuq sentenza sospiża. Fil-fatt intqal hekk f'dik l-istess seduta:

a. *Dr Lennox Vella: Iva sinjura rigwardanti il-kalibrar tal-piena, tal-piena se nabraċċja l-ħsieb tal-prosekuzzjoni u nħalli f'idejn il-Qorti. However irrid nissottolinea l-fatt illi dan il-każ l-agreement u li kien hemm anke l-ammissjoni bikrija Sinjura.*

b. *Maġistrat: Ok u suspended sentence taqblu jew le?*

c. *Dr Lennox Vella: Iva Sinjura u fuq l-ammont tagħha ovvjament ħa nbaxxi rasi għad-deċiżjoni tal-Qorti.*

12. Illi għalhekk kollox jindika li l-intenzjoni kienet li l-imputata tingħata sentenza sospiża ai termini tal-Artikolu 28A. Mhux hekk biss, iżda l-Ewwel Qorti fid-decide saħansitra tenniet li hija spjegat l-import u l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza lill-ħatja, u dan kif mitlub li jsir mill-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid:

a. *"Meta l-qorti tagħti sentenza sospiża hija għandha tispjega lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija."*

13. Illi għalhekk għall-fini ta' interpretazzjoni tad-decide tal-Ewwel Qorti, qiegħed jintwera biċ-ċar li l-intendiment tal-Ewwel Qorti kienet li l-imputata tingħata sentenza sospiża. Fid-dawl ta' dan kollhu, kien għalhekk żball li l-Ewwel Qorti ordnat li l-imputata tiġi kkundannata għal tlett (3) snin priġunerija sospiżi għal erba' (4) snin. Ulterjorment, jingħad ukoll li fi kwalunwke każ, dan żgur m'għandux jiġi interpretat li l-Ewwel Qorti riedet tagħti piena karċerarja effettiva;

14. Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif presjeduta mill-Imħallef Aaron M. Bugeja fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Debono** deċiża nhar id-29 t'Ottubru, 2019 tenniet:

    a. *"Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju fl-emanazzjoni ta' dik il-piena."*

15. Illi hawnhekk m'aħniex qegħdin nikkontestaw kemm hija ħarxa o meno l-piena iżda qegħed jiġi ritenut li l-Ewwel Qorti sabiex tikkundanna lill-imputata għal sentenza sospiża ma setgħet qatt a bazi tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannahha għal tlett (3) snin priġunerija li jiġu sospiżi għall-perjodu t'erba' (4) snin, u għalhekk hija legalment żbaljata għaliex ħarġet barra mill-parametri li jippermetti l-istess artikolu;

16. Illi għalhekk fl-umli fehma tal-appellanta, il-piena li kellha tiġi nflittha fuq hija dik ta' sentejn (2) priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' erba' (4) snin, liema piena hija fil-parametri tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u hija l-massimu li imputat jista' jiġi kkundannat f'każ ta' sentenza sospiża;

17. Illi *in oltre*, l-appellanta tieħu din l-opportunita' sabiex ittenni li l-piena m'għandha qatt sservi sabiex titpatta l-ħsara;

18. Illi f'dan l-isfond ssir riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 2013 fejn dik il-Qorti tenniet:

    a. *"Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

    b. *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta'*

*minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

c. *Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.*

d. *( . . . )*

e. *Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent. "*

f. *Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;*

19. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anton Vassallo</u>** deċiża mill-Onor Imħallef David Scicluna nhar id-disgħa (09) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) intqal hekk:

a. *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati*

*ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

b. *Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu."*

20. Illi in oltre fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Massimo Abela</u>** deċiża mill-Imħallef Edwina Grima nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) intqal hekk:

a. *"Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

b. *Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti*

*kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba."*

21. Illi mbagħad fis-sentenza tagħha **<u>Il-Pulizija vs Maurice Agius</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat *in funditus* meta qorti għandha timponi sentenza ta' priġunerija sospiża:

    a. *"Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Wood din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-*

*periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*b.* Huwa minnu li, kif jispjega l-**Professur David Thomas** fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** "[*the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

*c. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat*

*fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant:*

d. *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

22. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche'** ġie kkunsidrat li:

a. *"Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

b. *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

c. *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must*

*be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

d. *This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

e. *Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ; fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

f. *Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza*

*sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il- piena.*

g. *Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett: (a)Retributtiv; (b)Preventiv; u (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

h. *L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

i. *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

j. *L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- socjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din*

*il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-kaz; allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-socjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is- soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall- eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

k. *Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali għas-socjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill- ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

l. *F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l- għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva."*

23. Illi jiġi rilevat illi l-appellanta ammettiet fil-proċeduri kriminali odjerni u għalhekk ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta' ammissjoni bikrija fil-proċeduri kienu deskritti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil-kawża: **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi</u>** deċiża nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-

sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiża nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002).

24. Illi f'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.):

    a. *"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender.*

    b. *An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908).*

    c. *Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case*

*where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tal-10 ta' Settembru, 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta li l-appellanti tressqet il-Qorti nhar l-1 ta' Gunju 2023 akkuzata **inter alia** fuq reati ta' falsifikazzjoni, uzu ta' dokument falz, talli kisbet xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, talli ghamlet uzu minn ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, talli ghamlet qliegh b'qerq ghad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u aktar tali kellha fil-pusess taghha xi oggetti ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Rat illi quddiem l-Qorti fl-ewwel seduta nhar it-29 ta' Settembru, 2023 l-appellant wiegbet li hija hatja tar-reati kif addebitati fil-konfront taghha.

Rat li l-ewwel Qorti tatha zmien xieraq biex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha wara li spejgatilha l-konegwenzi tal-ammissjoni taghha ghall-imputazzjonijiet fejn anke infurmataha li setghet tghaddi ghal piena sahansitra anke karcerarja fost pieni statutorji ohra.

Rat li l-ewwel Qorti tatha zmien bizzejjed sabiex anke tikkonsulta mal-avukat difensur taghha u tiddeciedi jekk hiex sejra terga lura mill-ammissjoni taghha kif registrata waqt is-seduta tat-29 ta' Settembru 2023.

Rat ix-xhieda ta' **Martin Buhagiar** moghtija nhar it-28 ta' Settembru 2023 li xehed ghan-nom tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Spjega li l-appellanti kienet irregistrat applikazzjoni tad-disabilita li tkopri l-perijodu 16 ta' Ottubru 2021 sad-19 ta' Mejju 2023 u kien hemm hlas zejjed fl-ammont ta' €9,522.03 u minn din is-somma kienet

thallset lura is-somma ghalhekk kien ghad fadal bilanc ta' €8422.03. Pero ma hemm l-ebda ftehim mal-appellant ta' kif din is-somma ser tithallas lura lid-Dipartiment.

Rat ix-xhieda ta' **George Cremona** moghtija nhar l-10 ta' Jannar 2023 li ukoll xehed ghan-nom tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u kkonferma li l-appellant kienet giet mitluba tirrifondi s-somma ta' €9522.03 li kinet giet imhallsa lilha mid-dipartiment in konnessjoni ma' applikazzjoni ta' assistenza ghal disabilita pero sa dik il-gurnata kienet gja irrifondiet s-somma ta' €2559 u ghalhekk kien ghad fadal bilanc ta' €6,972.03. Ikkonferma ukoll li l-appellanti kienet iffirmat ftehim mad-dipartiment kif esebita fl-atti u mmarkat bhala Dok SG fejn intrabtet li thallas pagamenti mensili ta' €150 wara li ghamlet down payment fl-ammont ta' €2,000.

Fit-trattazzjoni li saret quddiem l-ewwel Qorti l-prosekuzzjoni ma kientix qed tinsisti fuq piena ta' prigunerija u mistqosija mill-Qorti dwar il-perijodu ta' prigunerija sospiza l-prosekuzzjoni stqarret li kienet materja li kienet qed tithalla f'idejn il-Qorti. Id-difiza minn naha l-ohra stqarret li l-piena hija kwistjoni fdata f'idejn il-Qorti ghalkemm sostna li piena ta' prigunerija ma kinitx il-piena idoneja in vista tal-ammissjoni bikrija tal-appellant, l-ftehim li lahqet f'qasir zmien mad-dipartiment biex tirrifondi l-flus u l-fatt li kienet gja halset somma sostanjzali fi zmien qasir.

Illi f'dan l-appell pero d-difiza ssostni li s-sentenza hija nulla u dan ghaliex l-piena moghtija mill-ewwel Qorti ma kienitx in linea mal-ligi u dan ghaliex l-perijodu ta' prigunerija sospiza ma tistax teccedi z-zmien ta' sentejn u f'dan il-kaz inghata tlett snin u dan skond l-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta. L-Avukat Generali minn naha tieghu stqarr li ma kellux xi jzid ma dak lamentat mid-difiza peress li l-piena moghtija tohrog 'l barra mill-parametri tal-ligi. Id-difiza ghamlet referenza ghal diversi sentenzi li nghataw fuq piena pero f'dan il-kaz l-pern tal-kwisjtoni ma hiex li l-piena kienet wahda eccessiva izda li kienet wahda li ma taqax fil-parametri tal-ligi.

**Ikkunsidrat**,

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Infatti fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat1** [6] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li lQorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-ġurisprudenza[7] ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi[8].

Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

---

[6] Deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar
2012 (255/2011)

[7] Vide **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** deciz mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003. , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003 u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** deciz mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)

[8] Vide Il-Pulizja (Spettur Trevor Micallef) (Spettur Nikolai Sant) Vs Alaeddin Halbie deciza nhar is-6 ta' Dicembru, 2018 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi fil-kawza odjerna hija evidenti li l-ewwel Qorti ma riditx tikkundanna lill-appellanti ghal piena ta' prigunerija effettiva u ikkundanantu ghal piena ta' prigunerija ta' tlett snin ghall-perijodu ta erbgha snin ai terminu tal-artikolu 28A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Issa l-artikolu 28A (1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

> *28A. (1) Bla ħsara għas-subartikoli (2) sa (7) u l-artikoli 28B sa 28I, qorti li tagħti sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn għal reat tista' tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perijodu li jiġi speċifikat fl-ordni, li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' iżjed minn erba' snin mid-data tal-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ; u f'dan l-artikolu u kull fejn tinstab fl-artikoli 28B sa 28G u fl-artikolu 28I "il-perijodu operattiv", dwar sentenza sospiża, tfisser dak il-perijodu hekk speċifikat.*

Ghalhekk minn qari ta' dan l-artikolu tal-ligi jirrizulta bic-car li sabiex Qorti tordna li sentenza ta' prigunerija ghandha tkun wahda sospiza fl-ewwel lok is-sentenza ta' prigunerija nnifisha m'ghandhiex teccedi is-sentejn (2) prigunerija filwaqt li fit-tieni lok il-perijodu operattiv ma jkunx inqas minn sena u mhux aktar minn erba' snin. Ghalhekk huwa car kristalli li l-ewwel Qorti ghamlet zbal fil-piena li errogat u konsegwentement din il-Qorti qed tiddikjara is-sentenza nulla pero sejra tidhol hi fil-mertu u tiggudika mill-gdid lill-appellanti skond il-ligi.

Din il-Qorti rat l-ammissjoni tal-appellanti kif registrata fl-atti. Rat ukoll li l-appellanti diga bdiet tirrifondi l-flejjes li hija irceviet minghand id-dipartiment tas-servizzi socjali meta ma kienitx intitolata ghalihom u fil-fatt sakemm il-proceduri kienu ghadhom quddiem l-ewwel Qorti kienet gja irrifondiet is-somma in eccess ta' elfejn u hames mitt euro. Rat li l-appellanti ghamlet ftehim mad-dipartiment ta' kif ghandha tirrifondi lura s-somma flus u jidher li dan il-ftehim gja beda jigi onorat. Rat li l-appellanti ma hlitx iz-zmien prezjuz tal-Qorti u kkoperat mal-prosekuzzjoni. Rat li l-fedina penali taghha hija wahda netta bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha minkejja li ghandha 52 sena u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-qorti hija tal-fehma li ghandu jjkun hemm *window of opportunity* fil-konfront taghha u tinghata ordni ta probation.

**Ghal dawn il-motivi:**

Tiddisponi mill-appell billi fl-ewwel lok tiddikjara is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-28 ta' Mejju, 2024 bhala nulla u wara li rat l-artikoli 18, 167, 169, 184, 188 (1) (2), 308, 309 310 (1) (a) u 310BA tal-Kodici Kriminali tiddikjara lill-appellanti hatja fuq ammissjoni taghha stess ghall-akkuzi kollha kif ammessi minnha u tpoggi lill-istess appellanti taht *probation order* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin mil-lum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order li* qieghed jigi hawn anness, inkluz fosthom li jirrifondi lura l-flejjes mehuda mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali meta ma kientix intitolata ghalihom fl-ammont restanti ta' €6,972.03 jew kwalsiasi somma li ghad fadal bilancjali

Tordna li kopja ta' l-Ordni ta' Probation tigi minnufih komunikata lill-probation officer u lill-Ufficjal Principali tal-Probation.

Ghal kull buon fini jigi dikjarat li din il-Qorti spjegat lill-appellant, bi kliem li hija fehmet l-ordni ta' probation u l-kundizzjonijiet hemm elenkati, u li jekk tonqos milli

tikkonforma ruhha mal-kundizzjonijiet imsemmija hija tista' tinghata sentenza ghar-reati originali.

Hija spjegat ukoll lill-appellant, bi kliem car, ir-responsabbilta` taghha jekk matul il-perijodu ta' probation hija tikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija..

Tordna notifika lid-Direttur tal-Ufficcju tal -Parole u Probabtion sabiex jigi nominat il-kandidat idoenju ghal dan il-ghan biex izomm lill-appellanti l-boghod mill-hajja ta' kriminalita.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor. Imhallef**